MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 5/2012

**Raymond Magri**

**vs**

**L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datat 3 ta' Jannar 2012 a fol. 1 tal-process fejn espona : -

Illi permezz ta' appell imressaq quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar nhar is-7 ta' Frar 2007, Raymond Magri appella minn talba maghmula mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp permezz t'ittra datata 5 ta' Jannar 2007 fejn l-imsemmi Raymond Magri gie mitlub *inter alia* sabiex ihallas penali ta' Lm1,000 a tenur ta' l-**artikolu 58 tal-Kap. 356**;

Illi l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ipprezentat ir-risposta taghha nhar id-9 ta' Marzu 2007;

Illi permezz ta' sentenza mogħtija nhar id-19 ta' Dicembru 2011, il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar iddecieda l-appell fl-ismijiet hawn fuq premessi bil-mod segwenti:

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Bord jilqa' l-appell tal-appellant u jirrevoka d-decizjoni tal-Awtorita' mehuda fit-18 ta' Dicembru 2006 u notifikata lill-Appellant bl-ittra datata 5 ta' Jannar 2007 u konsegwentement l-Awtorita' ma tistax titlob li jkun hemm hlas li tinhareg garanzija bankarja ghall-hlas tal-multa jew penali ta' Lm1000.00, u tal-*Planning Gain* ta' Lm2000.00 u Lm1500 kif imsemmija fl-imsemmija ittra tal-5 ta' Jannar 2007.

Illi l-Awtorita' intimata, llum appellanta, hassitha aggravata b'din is-sentenza u ghalhekk qed tinterponi dan l-umli appell;

Illi l-aggravju ta' l-Awtorita' appellanta huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi Raymond Magri kien gie mitlub mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp sabiex ihallas penali ta' Lm1,000 a tenur ta' <u>l-**artikolu 58**</u> **tal-Kap. 356** pero' l-Bord ha zball ghaliex ibbaza d-decizjoni tieghu daqs li kieku t-talba tal-Kummissjoni kienet a tenur ta' l-**artikolu 56**, u mhux **58, tal-Kap. 356:**

Issa l-appellant l-ewwel ma qed jappella huwa ezattament mill-multa ta' Lm1000 imposta mill-Awtorita' a tenur tal-**artiklu 56 tal-Kap. 356.** Dan jipprovdi illi kull min *"jaghmel xi zvilupp fuq xi art jew ihalli li jsir xi zvilupp fuq l-art li taghha huwa s-sid minghajr permess ghall-izvilupp kif ikun isehh meta jsir l-izvilupp, jew, jekk l-izvilupp isir b'permess ghall-izvilupp, jonqos milli jhares jew li jara li tigi mharsa xi kundizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni ohra li ghaliha l-permess huwa suggett; ........ikun hati ta' reat kontra dan l-Att u ghand u jekk jinsab hati jehel multa ta' mhux anqas minn elf u mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin*

*centezmu (€1,164,69) u mhux aktar minn mija u sittax-il elf u erba' mija u tmienja u sittin ewro u sebgha u sittin centezmu (€116,468.67)".*

Illi kif jidher mid-dicitura tal-**artiklu 56** citat mill-Awtorita' bhala l-bazi legali ghall-impozizzjoni ta' din il-multa tali multa tista' biss tigi mposta minn Qorti meta ikun hemm htija ta' reat. Ghalhekk, l-Awtorita' ladarba hija mhiex qorti li tiddeciedi dwar il-htija ta' ndividwi ma tistax tinvoka l-**artiklu 56 tal-Kap. 356** biex timponi penali jew multa. Ghalhekk, l-impozizzjoni tal-multa jew penali ta' Lm1000 hija kompletament minghajr bazi legali.

Illi d-decizjoni tal-Bord hija zbaljata in kwantu huwa car li gie applikat artikolu b'iehor u ghalhekk id-decizjoni tal-Bord ghandha tigi ddikjarata nulla.

Ghaldaqstant, l-Awtorita' appellanta, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi kollha gia prodotti quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar u filwaqt li tirrizerva d-dritt li jressaq dawk il-provi kollha lilha permessi skont il-ligi, titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza moghtija mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar nhar id-19 ta' Dicembru 2011 fl-ismijiet *Raymond Mangion vs L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar* fuq riferita, bl-ispejjez kontra l-appellat.

Rat ir-risposta ta' l-appell tal-istess Raymond Magri (ID 374959M) datata 20 ta' Jannar 2012 a fol 5 tal-process fejn espona: -

Illi d-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar tad-19 ta' Dicembru 2011 ghandha tigi kkonfermat au l-Appell quddiem din l-Onorabbli Qorti ghandu jigi michud ghas-segwenti raginijiet:

1. In-nullita' tal-proceduri odjerni in kwantu illi it-talba quddiem din l-Onorabbli Qorti hija illi tithassar, tigi annullata u revokata s-sentenza moghtija fl-ismijiet *Andrew Bezzina vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u*

*L-Ippjanar,* li in effetti mhux il-kaz u ghalhekk it-talba mressqa quddiem din l-Onorabbli Qorti hija insostenibbli.

2. Minghajr pregudizzju jinghad illi l-Bord xorta wahda kien korrett illi jirrevoka l-penali ta' LM1,000 li wehel l-esponent mill-ewwel istanza u dan, anke jekk kien hemm skorrettezza fil-klawsola tal-ligi msmemija, u dan peress illi r-rekwiziti li jissemmew fl-**artiklu 58 (1) tal-Kap 356** ma gewx osservati mill-Awtorita’ meta imponiet l-imsemmija multa, kif anke jirrizulta mill-fatti kif elenkati fid-decizjoni appellata, u konsegwentament ghalhekk illi dik il-multa trid tigi revokata.

Illi mill-bqija ghalhekk, filwaqt illi l-esponent jirrimetti ruhu ghall-gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, b'dana kollu jaghmel referenza ghall-provi kollha prodotti u jirrizerva illi jipproduci ohrajn skont il-Ligi, jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti illi l-Appell odjern jigi michud u s-sentenza ta' l-ewwel Qorti tigi kkonfermata bl-ispejjes taz-zewg istanti kontra l-Awtorita’ appellanti.

Rat in-nota tas-Segretarja tat-Tribunal tal-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar datata 15 ta’ Frar 2012 a fol 7 tal-process, fejn permezz taghha esebiet vera kopja tal-*file* tal-Bord tal-Appell fl-ismijiet “**Raymond Magri vs Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**” deciz mill-Bord.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-10 ta’ Mejju 2012.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-10 ta’ Mejju 2012 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Ian Spiteri Bailey ghall-appellat, u Dr. Noel Bartolo li assuma l-patrocinju tal-awtorita` appellanti, u Ivor Robinich ghall-istess. Dr. Noel Bartolo talab korrezzjoni fis-sens li fit-talba tar-rikors fejn l-okkju tal-kawza fejn hemm indikat “Andrew Bezzina” jigi sostitwit b’ “Raymond Magri” kif jidher fl-okkju tal-appell. Dr. Ian Spiteri Bailey fil-presenza tal-klijent tieghu, u wara li kkonsulta mieghu irtira l-ewwel eccezzjoni u l-oggezzjoni ghall-korrezzjoni, u l-Qorti laqghet it-talba ghall-korrezzjoni. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit

ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghad-29 ta' Novembru 2012.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

L-appell odjern huwa fis-sens li l-Kummissjoni kienet imponiet penali skont l-artikolu 58 tal-Kap. 356, izda fid-decizjoni jidher li gie kkonsidrat l-imposizzjoni ta' penali abbazi tal-artikolu 46 tal-Kap. 356 u dan skont l-appellanti irendi l-istess decizjoni nulla u bla effett *ai termini* tal-Ligi.

Din il-Qorti rat id-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar minn fejn jirrizulta li dak sottomess mill-Awtorita' appellanti f'dan l-appell huwa korrett, fis-sens li l-Kummissjoni kienet imponiet penali fuq l-appellat odjern skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 58 tal-Kap. 356,** izda l-Bord, probabbilment bi zvista tratta l-multa taht dak provdut fl-**artikolu 56 tal-Kap. 356** u b'hekk l-istess decizjoni hija legalment zbaljata.

Dan mhux semplici citar ta' artikolu zbaljat, ghaliex is-sustanza tal-appell u l-artikoli in kwistjoni hija ghal kollox differenti, tant li l-**artikolu 56** qed jirreferi ghall-multa li tigi mposta wara kommessjoni ta' reat u hija kompetenti l-Qorti, mentri l-**artikolu 58** huwa fil-kompetenza tal-organi tal-Awtorita' stess u ghalhekk ma hemmx dubju li d-decizjoni hija zbaljata u ghalhekk qed tigi annullata u l-atti qed jinbghatu lura lit-Tribunal Ta' Revizzjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar sabiex il-kaz jigi deciz skont il-Ligi.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-appellat datata 20 ta' Jannar 2012, **tilqa' l-appell interpost mill-Awtorita' appellanti datat 3 ta' Jannar 2012, b'dan li din il-Qorti qed tirrevoka d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell Dwar l-Ippjanar fl-ismijiet "Raymond Magri vs l-**

**Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar" (33/2007 RT) datata 19 ta' Dicembru 2011 u tirrinvija u tibghat lura l-atti lit-Tribunal Ta' Revizzjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar sabiex jiddeciedi l-kaz skont dak hawn deciz u skont il-Ligi.**

**Bl-ispejjez *stante* in-natura tal-kaz jibghu riservati ghal gudizzju finali.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------